Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2025/2058(INI)

27.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar id-drittijiet tal-awtur u l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva - opportunitajiet u sfidi
(2025/2058(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Axel Voss

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-drittijiet tal-awtur u l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva - opportunitajiet u sfidi (2025/2058(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 4, 16, 26, 114 u 118 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948 (Riżoluzzjoni 217 A), li tafferma kemm id-dritt li wieħed jipparteċipa liberament fil-ħajja kulturali kif ukoll id-dritt għall-protezzjoni tal-interessi morali u materjali li jirriżultaw minn kwalunkwe produzzjoni xjentifika, letterarja jew artistika,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi,

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) tal-15 ta' April 1994,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' bażijiet tad-data (id-Direttiva dwar il-Bażijiet tad-Data)[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (id-Direttiva InfoSoc)[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 rigward l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 009), li jiggarantixxi d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà u ġie interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala li jinkludi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż f'Anheuser-Busch Inc. vs il-Portugall (11 ta' Jannar 2007),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23

[1] ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20.
[2] ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.
[3] ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45.

ta’ April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta’ programmi tal-kompjuter[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta’ konoxxenza u ta’ informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta’ data mhux personali fl-Unjoni Ewropea[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE[8] (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku[9],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online[10],

– wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Frar 2020 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali - Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja (COM(2020)0065),

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-Drittijiet tal-Awtur u d-Dokument ta’ Pożizzjoni Rivedut dwar il-Politiki dwar il-Proprjetà Intellettwali u l-Intelliġenza Artifiċjali (WIPO/IP/AI/2/GE/20/1 REV) tad-29 ta’ Mejju 2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali tal-20 ta’ Ottubru 2020,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

[4] ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16.
[5] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[6] ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1.
[7] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59.
[8] ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92.
[9] ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56.
[10] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57.

tat-30 ta’ Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data (DGA)[11],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data)[12],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[13],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (XXXX/2025),

Kuntest

A billi d-dritt għall-proprjetà, inkluża l-proprjetà intellettwali, huwa minqux bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja l-isfida strateġika li għadha lura meta mqabbla mal-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali; billi għalhekk huwa essenzjali li jiġi promoss, aktar milli jiġi mxekkel, l-avvanz tat-teknoloġiji tal-IA fl-Unjoni sabiex jiġu ssalvagwardjati s-sovranità teknoloġika, il-kompetittività u l-kapaċità għall-innovazzjoni tal-Ewropa;

C. billi d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati jidħlu fis-seħħ awtomatikament u jagħtu drittijiet esklużivi estensivi, inklużi dawk għar-riproduzzjoni ta’ xogħlijiet u ta’ suġġetti oħra u jadattawhom, iqassmuhom u jikkomunikawhom lill-pubbliku;

D. billi l-IA ġenerattiva (GenAI) hija tip ta’ intelliġenza artifiċjali li, għall-kuntrarju tas-sistemi tradizzjonali tal-IA li jikklassifikaw jew jipprevedu biss, toħloq kontenut, bħal test, stampi, mużika, vidjows u kodiċi, li spiss jimita l-kreattività tal-bniedem, u b’hekk tiddependi fuq kontenut diġà eżistenti, inklużi materjali protetti bid-drittijiet tal-awtur;

E. billi l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jridu jkunu konformi bis-sħiħ mal-qafas legali eżistenti; billi huwa inaċċettabbli li avvanzi teknoloġiċi bħal dawn jinjoraw id-drittijiet stabbiliti, b’mod partikolari dawk minquxa fil-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur;

F. billi l-mistoqsijiet legali ewlenin dwar l-interazzjoni bejn il-GenAI u d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati jinkludu jekk it-tip il-ġdid ta’ użu ta’ xogħlijiet bid-drittijiet tal-awtur u ta’ suġġett ieħor fis-settijiet tad-data tat-taħriġ huwiex legali skont id-dritt tal-UE u x’għandu jkun l-istatus tal-kontenut iġġenerat bl-IA;

G. billi r-referenza għad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali fl-Att dwar l-IA mhijiex adegwata u tonqos milli tipprovdi soluzzjoni xierqa u proporzjonata; billi d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, bħala drittijiet fundamentali minquxa fil-

[11] ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1.
[12] ĠU L 2023/2854, 22.12.2023.
[13] ĠU L 1689, 12.7.2024, p. 1.

Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jingħelbux mill-Att dwar l-IA;

H. billi r-remunerazzjoni ġusta għall-użu ta' kontenut protett hija s-sinsla tal-industrija kreattiva fl-Ewropa; billi l-użu tal-kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati bħala data ta' taħriġ għal mudelli ta' IA ġenerattiva, mingħajr remunerazzjoni lid-detenturi tad-drittijiet, joħloq żbilanċ sistemiku fl-ekosistema tad-drittijiet tal-awtur għad-detriment tagħhom, u b'hekk idgħajjef is-sostenibbiltà ekonomika tas-settur kreattiv fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari minħabba li, fil-preżent, id-detenturi tad-drittijiet ma jistgħux jeżerċitaw faċilment jew b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jagħżlu li joħorġu mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali, u lanqas li jivverifikaw jekk il-ħruġ tagħhom ġiex irrispettat;

I. billi l-iżgurar tal-infurzar xieraq tal-liġi u ta' kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha jirrikjedi li r-regoli Ewropej dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati japplikaw b'mod uniformi għall-fornituri kollha tal-IA li jvaraw prodotti jew li joffru servizzi fl-Unjoni Ewropea, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħhom u minn fejn seħħ kwalunkwe użu ta' kontenut protett qabel tali varar jew offerta;

Taħriġ tal-GenAI

J. billi l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/790 dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali) introduċa eċċezzjoni għar-riproduzzjoni u l-estrazzjoni ta' xogħlijiet u ta' suġġett ieħor għall-finijiet tal-estrazzjoni ta' test u ta' data (TDM), li, skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, hija definita bħala "kwalunkwe teknika analitika awtomatizzata li għandha l-għan li tanalizza t-test u d-data f'forma diġitali biex tiġi ġġenerata informazzjoni [...]"; billi l-Artikolu 4 la kien abbozzat u lanqas maħsub biex jirregola l-prattiki speċifiċi involuti fit-taħriġ tal-IA;

K. billi din il-forma ġdida u speċifika ta' użu (taħriġ tal-GenAI) tirrikjedi kjarifika tal-kundizzjonijiet legali li taħthom jista' jitwettaq dan it-taħriġ;

L. billi s-settijiet ta' data ta' taħriġ ta' kwalità għolja u komprensivi huma essenzjali għall-iżvilupp effettiv tas-sistemi tal-GenAI u biex jiġu żgurati eżiti ta' kwalità għolja u affidabbli tas-sistemi tal-GenAI; billi l-iffaċilitar tal-użu legali ta' tali settijiet ta' data fl-Unjoni Ewropea huwa għalhekk kruċjali għat-trawwim tal-innovazzjoni, l-iżgurar tas-sovranità teknoloġika u ż-żamma tal-kompetittività tal-Unjoni fix-xenarju globali tal-IA li qed jevolvi b'mod rapidu;

M. billi t-tnedija li ġejja taċ-Ċentru tal-Għarfien dwar id-Drittijiet tal-Awtur tal-EUIPO tirrappreżenta inizjattiva f'waqtha u ta' min ifaħħarha li għandha l-għan li ssaħħaħ l-interfaċċja bejn id-drittijiet tal-awtur u t-teknoloġiji emerġenti, b'mod partikolari l-GenAI;

N. billi, minbarra eżenzjoni standardizzata li tinqara minn magna, id-detenturi tad-drittijiet għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li jirreġistraw tali eżenzjoni f'reġistru ċentralizzat, bl-użu ta' standard teknoloġiku uniku u f'format li jinqara minn magna, potenzjalment ġestit mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), u b'hekk jippermettu l-esklużjoni effettiva ta' xogħlijiet irreġistrati minn crawling tad-data

awtomatizzat;

O. billi kwalunkwe fornitur tal-GenAI għandu jiżgura trasparenza sħiħa u dettaljata dwar il-kontenut kollu protett bid-drittijiet tal-awtur użat għat-taħriġ ta' dik is-sistema, irrispettivament mill-ġuriżdizzjoni li fiha jkunu twettqu l-atti rilevanti għad-drittijiet tal-awtur li fuqhom ikun ibbażat it-taħriġ; billi din it-trasparenza għandha tikkonsisti f'lista dettaljata li tidentifika kull kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur użat għat-taħriġ; billi l-istess rekwiżit għandu japplika *mutatis mutandis* għal kwalunkwe użu sussegwenti ta' kontenut għal inferenza, ġenerazzjoni awmentata mill-irkupru jew irfinar mhux biss minn forniturі ta' mudelli tal-IA, kif attwalment stipulat mill-Artikolu 53 tal-AIA, iżda wkoll minn forniturі jew utenti ta' sistemi tal-IA;

P. billi tali trasparenza tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' intermedjarju fdat, bħall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), li jkun responsabbli biex jinnotifika lid-detenturi tad-drittijiet dwar l-użu tal-kontenut tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jasserixxu pretensjonijiet fir-rigward tal-użu tiegħu għat-taħriġ; tali intermedjarju għandu jingħata s-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex jivvaluta jekk il-forniturі u l-utenti jikkonformawx bis-sħiħ mal-obbligi ta' trasparenza;

Q. billi, bħala alternattiva għar-reġistru tal-EUIPO msemmi hawn fuq, it-trasparenza tista' tinkiseb ukoll billi d-detenturi tad-drittijiet jitħallew jimmarkaw b'marka tal-ilma x-xogħlijiet tagħhom u suġġetti protetti oħra, u billi l-forniturі tal-IA jintalbu jagħmlu disponibbli għodod ta' tiftix li jippermettu l-iskoperta ta' tali marki tal-ilma fost il-materjali użati għat-taħriġ;

R. billi, minbarra l-obbligu ta' trasparenza sħiħa dwar xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur u suġġetti protetti oħra, hemm il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu li, taħt ċerti kundizzjonijiet, in-nuqqas mill-forniturі tal-IA jew mill-utenti li jipprovdu trasparenza sħiħa għandu jwassal għal preżunzjoni konfutabbli li kwalunkwe xogħol rilevanti bid-drittijiet tal-awtur jew suġġett protett ieħor ikun intuża għal skopijiet ta' taħriġ, u b'hekk jiskatta l-konsegwenzi legali applikabbli kollha skont id-dritt tal-Unjoni u nazzjonali għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati; billi, meta qorti tiddeċiedi favur detentur tad-drittijiet fuq il-bażi ta' preżunzjoni bħal din jew ta' evidenza ppreżentata, il-kostijiet legali raġonevoli u proporzjonati kollha u spejjeż oħra għandhom jitħallsu mill-fornitur tal-IA;

S. billi hemm diskrepanza fl-għarfien fost il-forniturі tal-GenAI, speċjalment ditti iżgħar, fir-rigward tal-obbligi tad-drittijiet tal-awtur tagħhom skont id-dritt tal-UE;

T. billi s-settur tal-istampa għandu rwol vitali fis-salvagwardja tad-demokrazija u tal-istruttura demokratika fl-Unjoni Ewropea; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-mudelli u s-sistemi tal-GenAI ma jinvolvux ruħhom fi pproċessar selettiv li jiffavorixxi ċerti pubblikazzjonijiet fuq oħrajn, u b'hekk jiġu ppreżervati l-pluralità u l-imparzjalità tal-informazzjoni; billi l-mudelli u s-sistemi tal-GenAI jridu jkunu mfassla biex jinkorporaw u jikkunsidraw l-ispettru sħiħ tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa biex jirrispettaw il-valuri demokratiċi fundamentali tad-diversità u l-ġustizzja fid-diskors pubbliku; billi hemm bżonn li jiġu stabbiliti standards ta' kwalità ċari għall-mudelli u s-sistemi tal-GenAI;

Output tal-GenAI

U. billi t-trasparenza fir-rigward tal-output iġġenerat minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali hija essenzjali biex tippermetti klassifikazzjoni xierqa tax-xogħlijiet bħala "maħluqa mill-bniedem" jew mod ieħor; billi tali klassifikazzjoni tinvolvi konsegwenzi legali sinifikanti, inkluż għall-applikabbiltà tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u għad-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet;

V. billi l-ġenerazzjoni ta' outputs, karatteristika ta' GenAI, tista' tikser id-drittijiet tar-riproduzzjoni, tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku jew tal-komunikazzjoni lill-pubbliku; billi l-eċċezzjoni tat-TDM kif prevista fl-artikolu 4 tas-CSDSM ma tkoprix id-dritt għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku jew id-dritt ta' komunikazzjoni għall-pubbliku;

X. billi, fir-rigward tat-trattament legali tal-outputs tal-GenAI, id-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur tibqa' bbażata fuq il-prinċipji tal-awtur uman; billi skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kunċett ta' "xogħol" jinvolvi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: l-ewwel nett, irid ikun suġġett oriġinali li jirrifletti l-ħolqien intellettwali tal-awtur stess; it-tieni, dak il-ħolqien irid jiġi espress b'mod li jagħmlu identifikabbli bi preċiżjoni u oġġettività suffiċjenti;

Y. billi r-regolament internazzjonali inkonsistenti dwar l-eliġibbiltà tad-drittijiet tal-awtur tal-kontenut iġġenerat mill-IA jippreżenta riskju għall-koerenza globali tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali u jista' jwassal għal arbitraġġ regolatorju jew idgħajjef il-kompetittività tas-setturi kreattivi u tal-IA tal-Unjoni; billi l-konverġenza internazzjonali u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju globali jkunu jipprovdu alternattiva aktar effettiva u koerenti għall-frammentazzjoni attwali tal-approċċi legali;

Z. billi, sa fejn permess mid-dritt internazzjonali, il-prinċipju eżistenti tat-territorjalità jeħtieġ li jiġi adattat għat-taħriġ tas-sistemi tal-GenAI sabiex jiġi żgurat li t-taħriġ bil-kontenut Ewropew ikun soġġett għad-dritt Ewropew anke jekk jitwettaq barra mill-UE;

1. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, indipendentement mir-rieżami ppjanat tagħha tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur u tad-Direttiva CDSM u mingħajr ma tassumi l-ħtieġa għal reviżjoni leġiżlattiva, twettaq b'mod urġenti valutazzjoni bir-reqqa ta' jekk l-acquis eżistenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur jindirizzax b'mod adegwat l-inċertezza legali u l-effetti kompetittivi assoċjati mal-użu ta' xogħlijiet protetti u suġġetti oħra għat-taħriġ ta' sistemi tal-IA ġenerattiva, kif ukoll it-tixrid ta' kontenut iġġenerat bl-IA li jista' jissostitwixxi l-espressjoni maħluqa mill-bniedem;

2. Jirrakkomanda wkoll li tali valutazzjoni għandha l-għan li żżomm qafas li fih il-mekkaniżmi ta' remunerazzjoni ġusta jippermettu l-ġenerazzjoni tar-riżorsi meħtieġa għall-produzzjoni artistika u kreattiva Ewropea biex jirnexxu fil-kuntest tat-trasformazzjoni globali xprunata mill-IA;

3. Jinnota l-użu ta' sistemi ta' IA ġenerattiva li jiddependu fuq kontenut protett mingħajr awtorizzazzjoni mid-detenturi tad-drittijiet affettwati minn tali użu jew mingħajr kumpens lilhom, b'mod partikolari meta jkunu integrati f'magni tat-tiftix jew f'servizzi diġitali oħra li jippermettu l-ġenerazzjoni, spiss f'ħin reali u bi spiża marġinali, ta' kontenut li jimita jew direttament juża xogħlijiet oriġinali u suġġetti protetti oħra li fuqhom il-mudelli ġew imħarrġa jew li sarilhom scraping, inkluż f'ħin reali, minn tali mudelli; jinsab allarmat li dawn il-prattiki jistgħu jirriżultaw fil-provvista ta' prodotti u

servizzi li jikkompetu direttament ma’ dawk tad-detenturi tad-drittijiet;

4. Jistieden lill-Kummissjoni timponi minnufih obbligu ta’ remunerazzjoni fuq il-forniturи ta’ mudelli u sistemi tal-IA għal skopijiet ġenerali fir-rigward tal-użu ġdid ta’ kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur jew bi drittijiet relatati, b’tali obbligu japplika sakemm jiġu ppromulgati r-riformi previsti f’dan ir-rapport;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoordina l-isforzi biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur fost l-iżviluppaturi tal-IA, li jistgħu jinkludu listi ta’ kontroll tal-konformità, għodod legali u teknoloġiċi, u gwidi tekniċi;

6. Jappoġġja l-kjarifika tal-eċċezzjoni tat-TDM skont l-Artikolu 4 tas-CDSM fir-rigward tan-nuqqasijiet u l-ambigwitajiet ewlenin identifikati sa issa fl-applikazzjoni tagħha, speċjalment fir-rigward tal-istabbiliment ta’ standard ċar li jinqara minn magna għall-eżenzjoni u l-kunċett ta’ “aċċess legali”;

7. Jemmen li għandu jiġi stabbilit qafas legali għall-GenAI jew permezz tal-introduzzjoni ta’ eċċezzjoni ddedikata għad-drittijiet esklużivi għar-riproduzzjoni u l-estrazzjoni, distint minn dak previst għat-TDM skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva CDSM, jew billi jitwessa’ l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dik id-dispożizzjoni biex jinkludi b’mod espliċitu t-taħriġ tal-GenAI, li bħalissa mhuwiex kopert; jisħaq li d-detenturi tad-drittijiet għandu jkollhom id-dritt li jkunu eżentati permezz ta’ mekkaniżmu standardizzat u li jinqara minn magna;

8. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura l-kompatibbiltà ta’ dan il-qafas legali ġdid tal-GenAI mat-test fi tliet stadji tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva InfoSoc;

9. Jirrakkomanda l-assenjazzjoni tar-responsabbiltà għall-EUIPO għat-twaqqif u l-ġestjoni ta’ reġistru ċentrali ta’ eżenzjonijiet u, meta meħtieġ, għall-medjazzjoni tal-proċess ta’ liċenzjar, sabiex jiġu ssimplifikati r-relazzjonijiet bejn il-forniturи ta’ GenAI u d-detenturi tad-drittijiet, jiġi stabbilit qafas fattibbli u favorevoli għall-innovazzjoni li jappoġġja l-kompetittività tal-Unjoni mingħajr ma jfixkel bla bżonn l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IA; jirrakkomanda wkoll li kemm id-dikjarazzjonijiet ta’ eżenzjoni kif ukoll l-offerti ta’ liċenzji jiġu rreġistrati f’forma li tinqara minn magna fl-istess reġistru;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi t-trasparenza sħiħa u azzjonabbli u d-dokumentazzjoni tas-sors mill-forniturи u mill-utenti ta’ mudelli u sistemi tal-IA għal skopijiet ġenerali, fir-rigward tal-użu ta’ kwalunkwe xogħol protett bid-drittijiet tal-awtur jew ta’ suġġett protett ieħor għal kwalunkwe għan, inkluż għal inferenzi, ġenerazzjoni awmentata mill-irkupru jew irfinar, filwaqt li titqies kif xieraq il-ħtieġa li jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali u l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta’ preżunzjoni konfutabbli li, għal kwalunkwe mudell jew sistema ta’ IA għal skop ġenerali (GenAI) imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, xogħlijiet u suġġetti oħra protetti bid-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati ntużaw għat-taħriġ tagħha meta ma jkunx hemm konformità sħiħa mal-obbligi statutorji ta’ trasparenza stabbiliti f’din ir-riżoluzzjoni; jirrakkomanda wkoll li, meta detentur tad-drittijiet jirnexxielu fi proċedimenti legali jew abbażi ta’ din il-preżunzjoni jew permezz ta’ evidenza ppreżentata, kwalunkwe spiża legali raġonevoli u proporzjonata u spejjeż oħra mġarrba fl-infurzar ta’ dawn id-drittijiet għandhom jitħallsu mill-fornitur tal-

mudell jew tas-sistema tal-IA;

12. Jinsisti li l-kontenut iġġenerat mill-IA għandu jibqa' ineliġibbli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u li l-istatus tad-dominju pubbliku ta' tali xogħlijiet għandu jiġi ddeterminat b'mod ċar;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri biex tiġġieled il-ksur tad-drittijiet ta' riproduzzjoni, ta' tqegħid għad-disponibbiltà għall-pubbliku u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku permezz tal-produzzjoni ta' outputs tal-GenAI;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Bl-iżvilupp diġitali u teknoloġiku avvanzat, b'mod partikolari tal-IA u l-hekk imsejħa "Mudelli Lingwistiċi Kbar Ġenerattivi", xi drittijiet, bħad-drittijiet tal-awtur, id-dritt relatat mal-personalità, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, eċċ., qed jitilfu l-importanza tagħhom, peress li l-infurzar ta' dawn id-drittijiet ftit li xejn se jkun possibbli mingħajr riskju legali u ta' spejjeż enormi għas-sidien tagħhom.

Dan joħloq inċertezza legali kbira għall-partijiet kollha involuti. Madankollu, jekk il-leġiżlatur Ewropew ikompli jirrifjuta li jindirizza l-problemi meħtieġa direttament permezz tal-proċessi twal tiegħu u n-nuqqas ta' kuraġġ, l-UE u l-atturi tagħha se jibqgħu dejjem lura u dan se joħloq dipendenzi ulterjuri.

Għalhekk, il-prinċipju fundamentali jrid ikun li l-iżviluppi teknoloġiċi jridu jirrispettaw il-liġijiet eżistenti, iżda min-naħa l-oħra l-liġijiet eżistenti ma jridux ixekklu l-iżviluppi teknoloġiċi. Qabelxejn dan jirrikjedi li jinstabu soluzzjonijiet prattikabbli, li bħalissa l-parteċipanti fis-suq fuq iż-żewġ naħat ma jistgħux jiksbu, peress li l-iżvilupp teknoloġiku huwa marbut mal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur, li t-tnejn li huma jidhru li ma għadhomx kompatibbli ma' xulxin. Jidher li mhux se jkun possibbli li jinstabu soluzzjonijiet sħaħ.

Din hija r-raġuni għaliex il-leġiżlatur Ewropew qed jintalab jikseb bilanċ li jirrifletti l-interessi tal-partijiet kollha malajr kemm jista' jkun. Huwa mixtieq ukoll li tinstab soluzzjoni permanenti u prattika biex jiġi evitat li kull 5 sa 6 snin jerġgħu jiġu protetti d-drittijiet tal-awtur kontra teknoloġiji ġodda. "Regolament bażiku dwar id-drittijiet tal-awtur", b'mod parallel mar-Regolament Ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data, jista' jkun ta' għajnuna f'dan ir-rigward. Il-proposta dwar ir-responsabbiltà tal-IA setgħet ipprovdiet soluzzjonijiet proċedurali aktar mgħaġġla. Madankollu, minħabba nuqqas ta' viżjoni minn diversi partijiet interessati, din il-proposta se tiġi rtirata (u probabbilment b'mod legalment dubjuż), u għalhekk l-inċertezza legali se tkompli.

Għalhekk, dan ir-rapport huwa maħsub bħala tentattiv biex jinkiseb bilanċ prattiku bejn it-teknoloġija l-ġdida u d-drittijiet tal-awtur. Dan jirrikjedi interazzjoni ta' soluzzjonijiet legali, tekniċi u teknoloġiċi.

Is-sitwazzjoni politika mhijiex faċli għall-UE:

1) mil-lat ġeopolitiku, minħabba li l-"Punent" ivarja fl-orjentazzjoni tal-valur,

2) l-iżvilupp Ewropew tal-IA għadu lura ħafna u jrid jiġi promoss mingħajr "ostakli" addizzjonali

3) il-ħolqien attwali ta' valur fl-iżvilupp diġitali mill-kumpaniji l-kbar tat-teknoloġija fl-Istati Uniti jseħħ għad-detriment tas-settur kreattiv Ewropew.

Għalhekk, dan ir-rapport huwa maħsub ukoll biex jappoġġja u jippromwovi l-iżvilupp tal-IA fl-Ewropa. Dan minħabba li l-Ewropa teħtieġ l-IA sabiex tavvanza d-diġitalizzazzjoni, li hija essenzjali fid-dinja globali tagħna. L-opportunitajiet għall-progress Ewropew huma enormi u ma għandhomx jintilfu. Iżda rridu wkoll sistemi tal-IA fl-Ewropa li jissodisfaw rekwiżiti kwalitattivi u affidabbli u dan jista' jinkiseb biss permezz ta' data ta' kwalità mill-awturi stess.

Fl-istess ħin, irridu wkoll nippreservaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur għax-xogħlijiet tas-setturi kreattivi u tal-kreaturi kulturali tagħna. Il-kultura Ewropea hija parti fundamentali mill-identità tagħna. Il-valur miżjud Ewropew fis-setturi kreattivi huwa enormi u ma għandux jiġi sfruttat mingħajr kumpens. Għalhekk, trid titħallas remunerazzjoni għal dan l-użu ġdid tad-data (data għat-taħriġ, użu tad-data għal output ġenerattiv) tal-kontenut protett. Huwa biss b'dan il-mod li l-kreaturi kulturali Ewropej tagħna jkunu jistgħu joħolqu l-bażi ekonomika għall-produzzjoni ta' aktar kontenut.

F'dan il-kuntest, id-drittijiet tal-awtur anċillari tal-pubblikaturi tal-istampa għall-kontenut tagħhom għandhom rwol speċjali addizzjonali għall-fehim Ewropew tagħna tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni ma għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jiġu mminati jew iddominati mill-intelliġenza artifiċjali, b'mod partikolari meta, kif inhu l-każ bħalissa, l-aċċess diġitali u l-"allokazzjoni" diġitali tal-informazzjoni qed jitwettqu dejjem aktar permezz ta' magni tat-tiftix u l-IA jew, fil-każ tal-IA ġenerattiva, huma influwenzati wkoll minn bots u jinsabu f'idejn ftit kumpaniji. Il-kontroll tal-informazzjoni, inklużi d-diżinformazzjoni, l-informazzjoni mmexxija minn bots, id-deepfakes u l-influwenza li tirriżulta fuq l-elezzjonijiet jew l-opinjoni pubblika, huwa estremament perikoluż. Għalhekk, il-pluralità u d-diversifikazzjoni tal-opinjonijiet għandhom jiġu żgurati f'dan il-kuntest fil-forma ta' stampa indipendenti. Dan ifisser li kull użu awtomatizzat u ġenerattiv tal-kontenut tagħhom għandu jirriżulta f'remunerazzjoni xierqa. Huwa importanti wkoll li l-pubblikaturi tal-istampa jibqgħu identifikabbli għall-utenti. Dan jista' jirrikjedi obbligu li jiġu ċċitati s-sorsi.

F'dan il-kuntest, għandha tiġi diskussa wkoll is-sitwazzjoni komparabbli tal-ħekk imsejħa paywalls, li warajhom mhux dejjem ikun hemm biss kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur - iżda li tali kontenut jista' jkun preżenti wkoll.

Madankollu, minħabba s-sitwazzjoni attwali, wieħed irid jassumi wkoll li suq tal-liċenzjar li qed jiżviluppa bil-mod mhux se jibqa' jinkludi l-parteċipanti kollha fis-suq. Dan ifisser li mhux il-pubblikaturi kollha tal-istampa jew mhux il-kontenut kollu protett bid-drittijiet tal-awtur huwa meħtieġ għal taħriġ bi ħlas, u għalhekk il-parteċipanti fis-suq mingħajr setgħa ta' negozjar jaf ma jibqgħux jiġu kkunsidrati jekk jitolbu kumpens. Li kieku bħalissa kellna bżonn insibu soluzzjoni, probabbilment din tkun possibbli biss permezz ta' ħlasijiet b'rata fissa jew permezz ta' struttura organizzata b'saħħitha biex jiġi kkonsolidat il-poter ta' negozjar. Huwa dubjuż kemm dawk kollha involuti jridux jieħdu triq bħal din.

Anke jekk dan għandu jitħalla primarjament f'idejn il-parteċipanti fis-suq, il-mistoqsija li tirriżulta dwar is-sistemi ġenerattivi ta' IA offruti globalment hi jekk fil-proċess tal-liċenzjar biss il-"liċenzji dinjija" jkunux rilevanti.

Peress li l-użu ta' din id-data protetta "bid-drittijiet tal-awtur" ilu jsir snin twal (tal-anqas minn tmiem l-2022) mingħajr liċenzja jew permess ieħor mill-awturi, jeħtieġ li jitqies ukoll sa liema punt il-kumpens għandu jingħata wkoll b'mod retroattiv.

Fi kwalunkwe każ, sakemm ma tiġix introdotta leġiżlazzjoni xierqa biex tissolva din il-problema, il-leġiżlatur Ewropew jew il-Kummissjoni Ewropea għandhom jipprevedu remunerazzjoni immedjata, sempliċi u b'rata fissa tad-drittijiet tal-awtur għal dan l-użu, possibbilment li tammonta bejn 5 % u 7 % tal-fatturat dinji, sabiex il-valur miżjud li l-kumpaniji jiksbu bid-data tal-kreaturi Ewropej jiġi kkumpensat u jibqa' fl-Ewropa.

Naturalment, dan jeħtieġ ukoll ir-rivalutazzjoni tal-prinċipju tat-territorjalità, kif diġà kien previst fl-Att dwar l-IA. Ma nistgħux nippermettu li l-mudelli tal-IA, fi kwalunkwe post fid-dinja, jiġu mħarrġa permezz ta' data Ewropea protetta bid-drittijiet tal-awtur u mbagħad jiġu offruti fl-Ewropa.

Fil-futur, dan jista' jwassal ukoll għal sitwazzjoni fejn leġiżlatur demokratiku jkollu jittestja jew jistandardizza l-kwalità tal-pedamenti ta' "Mudelli Lingwistiċi Kbar" ġenerattivi. Fil-futur, il-leġiżlaturi jistgħu wkoll ikollhom jobbligaw lil dawn l-iżviluppaturi tal-IA biex jinkludu xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur sabiex tinżamm il-kwalità ta' dawn il-mudelli.

Min-naħa l-oħra, għandna nużaw l-IA biex insaħħu l-indipendenza u d-diversità ta' informazzjoni ta' kwalità għolja permezz tal-intelliġenza artifiċjali.

Sabiex tkun tista' tiżviluppa b'mod kwalitattiv, l-IA teħtieġ ukoll aċċess għal xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur. Għalhekk, f'dawn l-aħħar snin intuża ammont kbir ta' kontenut mill-iżviluppaturi tal-IA primarjament, iżda mhux biss, għal skopijiet ta' taħriġ. Dan it-taħriġ huwa tip kompletament ġdid ta' użu, li għalih ir-regoli eżistenti tad-drittijiet tal-awtur huma xierqa biss sa ċertu punt.

Bħalissa, in-nuqqas ta' kumpens iwassal għal inċertezza legali enormi. Soluzzjoni legalment ċara biex titnaqqas it-tensjoni hija meħtieġa b'urġenza kbira. Sakemm ma jkunx hemm qafas legali ċar li jirregola l-interessi kunfliġġenti, il-kontenut Ewropew se jintuża filwaqt li l-ħolqien tal-valur se jseħħ xi mkien ieħor. Għalhekk il-Kummissjoni jeħtiġilha taġixxi immedjatament[14], mingħajr ma tistenna reviżjonijiet possibbli ta', pereżempju, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur jew l-Att dwar l-IA.

Trid tinstab soluzzjoni mill-interazzjoni bejn l-għażliet ta' liċenzjar u l-obbligi ta' trasparenza, filwaqt li jitqiesu d-dritt internazzjonali u d-dritt li jirriżulta ta' dispożizzjoni mill-awtur.

Madankollu, ir-referenza għall-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali għadha mhijiex sodisfaċenti u probabbilment mhijiex konformi mal-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-awtur. Il-leġiżlatur Ewropew inkluda l-Artikolu 4 fl-Att dwar l-IA, iżda mingħajr ma ddefinixxa b'mod ċar il-konsegwenzi. L-eċċezzjoni attwali fl-Artikolu 4, li tippermetti l-estrazzjoni ta' test u data skont il-kundizzjonijiet speċifikati fih, ma ġietx żviluppata f'dak iż-żmien bl-intenzjoni li tippermetti l-użu tal-massa ta' xogħlijiet protetti b'IA ġenerattivi għal kulħadd. Speċjalment jekk dan jirriżulta wkoll fi prodott kompetittiv li jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Madankollu - anke jekk l-Artikolu 4 mhuwiex applikabbli mill-perspettiva tar-rapporteur - neħtieġu għażla simili li tippermetti lill-iżviluppaturi tal-IA jiksbu liċenzji għal xogħlijiet protetti bl-aktar mod sempliċi u teknikament faċli possibbli. L-aħjar mod biex dan isir huwa b'mod diġitali. Barra minn hekk, trid tintuża wkoll il-loġika tal-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali.

Fl-istess ħin, irid jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jkomplu jiddeċiedu jekk u f'liema forma (liċenzja) il-kontenut tagħhom jistax jintuża għal dan it-tip ġdid ta' użu – jew le.

[14] Dan huwa wkoll il-każ b'PolDep

F’dan il-każ, id-detenturi tad-drittijiet jeħtiġilhom jingħataw id-dritt għal esklużjoni fakultattiva.

Madankollu, sabiex dan ikun rikonoxxut faċilment u bla xkiel mill-iżviluppaturi tal-IA, irid ikun jista’ jinqara mill-magni u jkun standardizzat.[15] Id-detentur tad-drittijiet jeħtieġlu jkun responsabbli li jagħmel użu minn din l-esklużjoni b’mod legali u prattikament sikur.

Għall-implimentazzjoni l-aktar sempliċi possibbli fl-interessi tal-iżviluppaturi tal-IA, jidher li huwa meħtieġ li l-esklużjoni tiġi rreġistrata f’reġistru Ewropew. Għalhekk huwa xieraq li dan ir-reġistru jinżamm mill-EUIPO. L-iżviluppatur tal-IA jista’ mbagħad jew jirrispetta l-esklużjoni standardizzata u li tinqara minn magna jew juża r-reġistru biex jidentifika liema xogħlijiet ma jistgħux jintużaw mingħajr permess.

Min-naħa l-oħra, huwa biss il-kontenut li huwa protett b’esklużjoni fakultattiva jew irreġistrat li jista’ jiġi protett għal dan it-tip ta’ użu. B’rabta ma’ dan ir-reġistru, ikun possibbli wkoll li l-proċess tal-liċenzjar jiġi konness direttament, u b’hekk jiġu ssimplifikati l-affarijiet għall-iżviluppaturi tal-IA u jinħoloq tip ta’ “punt uniku ta’ servizz” għall-iżviluppaturi tal-IA.

Peress li d-detenturi tad-drittijiet mhumiex konxji ta’ dan it-tip ġdid ta’ użu u ma jistgħux ikunu jafu jekk il-kontenut tagħhom intużax b’mod ġdid, huwa essenzjali li jkun hemm obbligu ta’ trasparenza. Dan l-obbligu ta’ trasparenza jobbliga lill-iżviluppaturi tal-IA jelenkaw b’mod komprensiv u fid-dettall liema kontenut protett użaw għat-tip ġdid ta’ użu. Is-“sommarju dettaljat biżżejjed” previst mill-Att dwar l-IA s’issa huwa kompletament inadegwat fis-sens li, bħala sommarju, ma jistax jipprovdi ċarezza dwar l-użu tal-kontenut. Din hija r-raġuni għaliex hija meħtieġa interpretazzjoni li tista’ tintuża wkoll fil-kuntest tal-liġi tad-drittijiet tal-awtur.

Jekk, pereżempju, raġunijiet bħas-sigrieti kummerċjali jopponu l-aċċess għal din il-bażi ta’ data fil-forma ta’ trasparenza, li tkun rilevanti għall-awtur, l-obbligu jrid jiġi ssodisfat permezz ta’ intermedjarju fiduċjarju. Hawnhekk ukoll, l-EUIPO jista’ jaġixxi bħala intermedjarju. Dan imbagħad jista’ jinforma lid-detentur tad-drittijiet dwar l-użu tax-xogħol tiegħu.

L-obbligu ta’ trasparenza jista’ jiġi ssodisfat ukoll billi jintalab li x-xogħol protett bid-drittijiet tal-awtur jiġi mmarkat, eż. b’marki tal-ilma[16] jew b’mezzi simili, u billi d-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jivverifikaw id-drittijiet tal-awtur jew billi jaċċessaw il-bażi tal-mudell tal-IA jew billi jużaw ir-reġistru. F’dinja diġitali, il-marka tas-swaba’ diġitali fuq ix-xogħlijiet protetti tidher li xorta waħda għadha indispensabbli.

Il-leġiżlatur probabbilment ikollu jsolvi wkoll il-problema li mhux kull paġna ewlenija privata b’immaġni bid-drittijiet tal-awtur hija eskluża awtomatikament mid-data għat-taħriġ.

L-abbuż, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, is-suppożizzjonijiet legali, it-treġġigħ lura tal-piż tal-prova jew saħansitra l-mezzi qawwija ħafna ta’ responsabbiltà għandhom jitqiesu jew jiġu vvalutati bir-reqqa ħafna fil-kunsiderazzjonijiet kollha u f’kull stadju.

[15] Ara wkoll l-istudju EUIPO
[16] Ara wkoll l-istudju tal-EUIPO

Minbarra li għandu jitqies kif tista' tissolva din il-problema, id-drittijiet tal-awtur iridu jiġu adattati wkoll b'mod ġenerali għall-iżviluppi teknoloġiċi f'aspetti oħra. Dan se jirrikjedi aktar armonizzazzjoni Ewropea tal-liġijiet nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur tal-Istati Membri.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
ITI - Information Technology Industry Council
Spitzenorganisation der Firmernwirtschaft
Fdup
Linklaters LLP
Mazagan
NBCuniversal
The lnternation Federation of Film Distributors' and Publishers' Associations
Allianz
Digital Music Europe
IFRRO
Duke University
Masaryk University (PhD Candidate, Intellectual Property Law)
Microsoft
Meseuro srl
AK Public Affairs
The Computer & Communications Industry Association
Zukunftfabrik2050.de
SACO
Liccium B.V.
European Blockchain Association
France Digitale
ACT Al NOW
Alliance de la Presse d'lnformation Generale
IFRRO
KPMG Law
TikTok
MFE-MEDIAFOREUROP EN.V.
Hanbury Strategy
VAUNET
EBU / UER - European Broadcasting Union
University of Turin; Eindhoven
VAUNET - Verband Privater Medien
Coalition for Creativity
The European Video on Demand Coalition
#WeAreEurope
Aleph Alpha GmbH

Cullen International
Bertelsmann
NAI apollo
IMPF
Tilburg University
Meta
YouTube
HBM
Initiative Urheberrecht
ICMP - The global voice
Access Partnership
AEPO-ARTIS
Toy Industries of Europe
EIMP - European Independent Media Publishers
EARE
DFL Deutsche FuP..ball Liga GmbH
Video Games Europe
Midjourney
Nexareg
EurolSPA
Keywords Studios
Advance/Conde Nast
Future of privacy forum
Society of Audiovisual Authors
Initiative Urheberrecht
APCO
European Publishers Council
Cloudflare
Elda
RELX
Center for Journalism & Liberty (CJL)
Business at OECD
Google
Bitkom e.V.
Creativity Works!
IFPI
STM
MVFP
CEPIC
National Law Institute University
Motion Picture Association
Copyright Clearance Center
Solutions for a Small Planet
European Parliamentary
Ives Attorneys
Freshfields
FREELENS e.V.

IFRRO
News Media Europe
Mediapro
Lausen
L'ARP - Societe civile des Auteurs Realisateurs Producteurs
EUROPEAN BLOCKTECH
RAAP
EMMA-ENPA
LAUSEN
MPA
BDI
Anthropic
Credo Al
ODISEIA
EG Legal Services
Federal Association of German Leasing Companies
Independent policy expert
European Producers Club (EPC)
Audiovisual Anti-Piracy Alliance (AAPA)
CEPI - European Audiovisual Production
365 Sherpas GmbH
Wikimedia France
IFPI
Federation of European Publishers
Federation of the European Sporting Goods Industry
Al Sweden
CEDRO
European Writers' Council
Dell
FTI Consulting
Apple
Adan
CEPI - European Audiovisual Production
FERA - Federation of European film directors
APCO
European Visual Artists
CGI
DGA Group
HP
DOT Europe
Schibsted media AS
Business Software Alliance
Vorsitzender
FREELENS
NCSR Demokritos
Bertelsmann SE & Co KGaA
Lawyer

Universal Music Group
Solutions for a Small Planet
Association of Commercial Television and Video on Demand Services in Europe
AK Public Affairs
ECSA, European Community Shipowners' Associations
PRSforMusic
International Trademark Association
L'ARP
EFAD
Arcom
Axel Springer SE
Auteursbond (Dutch)
Premier League
Deutscher Fotorat
Society of Audiovisual Authors
Bitkom e.V.
Futuro Publico
Al Caramba!
INTA
University of Liverpool / School of Law and Social Justice
Assonime
AIE
PlayRight CV, IMARA, GA
Assonime - Association
RTL Deutschland GmbH
Euralia
German Bar Association
Atresmedia
Amazon
Samman Law & Corporate Affairs
European Publishers Council
EUROCINEMA
Tony Blair Institute
European Illustrators Forum
AEPO-ARTIS
IHK fur Munchen und Oberbayern
GEMA
Hubert Burda Media
Access Partnership
FIAPF - International Federation of Film Producers Associations
Sky Group
The European Alliance of News Agencies
European Writers' Council
EGAIR
VERA Studio
Warner Bros Discovery
VAUNET

IHK fur Munchen und Oberbayern
Bundesverband Schauspiel
News Corp
Boardmember Dutch Writers Guild
Kunstenbond
Forward Global
Video Games Europe
APCO Worldwide
Getty Images
VERA Studio
EGAIR
Klarna
UGGC Avocats
FLA
Shearwater Global
EuroCommerce
MFE
International Federation of Actors

Il-lista ta’ hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b’isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma’ dak l-ipproċessar.